# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru disgħa u tletin (39) tal-Kunsill Lokali Mqabba (KLM) li nżammet nhar l-24 ta' Novembru 2009, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-KLM.

| | | |
|---|---|---|
| PREZENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |

1. Is-Sindku ppresjeda l-laqgħa u qal it-talba.

2. Il-Kunsill iddiskuta il-permess PA545/06; kopja ta' dawn il-minuti qiegħdin għand il-kunsillieri.

3. Bħala punti mill-minuti tas-seduta preċedenti, kien hemm diskussjoni dwar il-finanzjament tat-toroq li ssemma ftit tal-jiem ilu wara l-*budget* tal-gvern. Is-sindku qal li dwar dan il-fond ta' miljun ewro, wieħed għad irid jara kif se jinqasam, għaliex qed jingħad li l-gvern ċentrali se jirduppjalna l-allokazzjoni għat-tiswija tat-toroq. Iżda dwar dan, se jkun hemm laqgħa għas-sindki għada, 25 ta' Novembru 2009, mill-Onor Chris Said, fejn se jkun imfiehem aħjar dan is-suġġett fl-ambitu tal-*budget* nazzjonali.

4. B'żieda għal dan, is-sindku qal li mill-informazzjoni li għandu, l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, se tasfalta mill-ġdid parti minn Triq Valletta, Mqabba. Hu qal li hemm il-ħsieb ukoll li jsir *patching* estiż għal 300 metru, propju minn fejn Triq San Bażilju sa l-aħħar bini qrib il-barrieri.

5. Dwar il-mawra tal-ET il-President ta' Malta, is-sindku talab *draft* tal-programm lil Ms Christine Mercieca. Il-KLM innota li l-programm mhux se jinbidel wisq minn dak li kien propost għal Ottubru 2009; jiġifieri li, l-ET George Abela, se jagħmel xorta waħda ż-żjara lill-Każini tal-Banda u lil dak tal-*Futbol/Nursery,* jattendi għall-Quddies tal-10.00am u jiltaqa' mal-komunità Mqabbija fuq iz-zuntier tal-Knisja, eżatt wara l-Quddiesa.

6. Il-KLM approva l-kwotazzjoni li rċieva sal-20 ta' Novembru 2009, kif imħabbra fil-ġurnal "*The Independent*" biex Ms Josephine Camilleri tkun l-għalliema tal-Malti u l-Ingliż Bażiku, għal dawk kollha li huma interessati li joqogħdu għal dawn il-lezzjonijiet. Is-sindku qal li hemm bżonn li niltaqgħu minn qabel ma' dawn il-persuni interessati f'dawn il-korsijiet ħalli nfiehmuhom kif se nħaddmu s-sistema tad-depożitu.

7. Issemma wkoll il-*workshop* bit-tema l-Inklużjoni Soċjali, li se jkun organizzat nhar is-Sibt, 28 ta' Novembru 2009. Għalih diġà ikkonferma s-Sur Alex Tortell *OIWAS* kif ukoll is-Sur Gejtu Vella UHM. Dan se jsir fl-Isptar il-Qadim, primarjament biex jikkumplimenta l-attività tat-2 ta' Ottubru 2009, sabiex tiġi trattata t-tema, fuq suġġeriment taż-żgħażagħ tal-kumitati tal-każini tal-banda.

8. Id-diriġenti tal-kumpanija *Greenpak* se jkunu mistiedna jattendu l-laqgħa tal-KLM li jmiss sabiex jiddiskutu magħna kif se nħaddmu s-sistema tas-separazzjoni tal-iskart. Dan hu vitali sabiex jiżdiedu fostna siti ta' *bring-in-sites* mingħajr aktar spejjeż illi diġà għandna. B'hekk se nagħmluha aktar faċli għar-residenti tagħna li jisseparaw u nnaqsu minn dak l-iskart li

preżentement qed jintefa' fil-miżbla u nħallsu tariffi għolja ferm għalih. Wieħed mis-siti li kien identifikat, u jinħtieġ diskussjoni mal-Kap ta' l-Iskola Primarja, li fih jistgħu jitpoġġew dawn ir-reċipjenti puliti, huwa biswit il-librerija tal-Iskola Primarja, għaliex dawn ikunu protetti bil-*cameras* li hemm installati fl-istess skola.

9. Kienu msemmija il-proposti mawriet mill-kunsillieri:
   - fl-Iskola Primarja Mqabba, nhar it-22 ta' Diċembru, 2009 fit-8.30am,
   - dik lil dawk rekoverati f'San Vinċenz de Paule; kif ukoll
   - lill-priġunieri fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin. Dwar dik tal-aħħar irridu naraw il-ħin eżatt u l-kunsill kien infurmat li l-persuna li kien hemm fis-snin l-imgħoddija tieħu ħsieb lill-morda f'San Vinċenz, Ms Sue Barwani, m'għadiex taħdem hemm u rridu nġibu l-*contact person* il-ġdid.

10. Is-sindku qal li l-iskrivana l-ġdida, Ms Mersia Mackay ma setgħetx tibda tagħti sehemha minn dan ix-xahar fl-uffiċċju tagħna bħala *part-time clerk*. Dan għaliex xtaqet tispiċċa l-iskema tal-*Work Trial Scheme* mħaddma mill-*ETC*. Għaldaqstant hija se tibda l-impjieg tagħha mill-1 ta' Diċembru, 2009. Sadanittant, is-segretarju eżekuttiv informa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lill-*ETC*, bl-għażla li għamel il-KLM minn fost il-kandidati l-oħra.

11. Dwar il-*coffee morning* propost mill-KLM, kien hemm diversi stabbilimenti li kienu ikkunsidrati bħala postijiet idejali għal din l-attività mill-kunsillieri. Fosthom l-Alexandra Hotel, il-Palace u l-Victoria Hotel. Madankollu se naraw insibux prezzijiet vantaġġużi ħalli dan ikun ta' benefiċċju għar-residenti tagħna. Grace Marie Mallia se tfittex prezzijiet ta' xi hotels.

12. Kien apporovat il-konkors li se jniedi l-KLM biex isir diżinn għall-midalja jew *trophy* li se jiġi inawgurat fil-fuljett. Din il-midalja/*trophy* hu maħsub li tibda tingħata lil kull min fil-futur ikun jimmeritah l-unur Ġieħ l-Imqabba.

13. Kienu diskussi it-tqassim tar-rigali għat-tfal minn Santa Klaws, permezz ta' attività oħra. Din l-attività wkoll se tkun organizzata mill-KLM. Infatti diġà bdejna nilqgħu l-formoli minn ġenituri ta' dawn it-tfal. Is-sindku qal li se nippruvaw insibu *sponsor* għar-rigali li għad iridu jinxtraw, filwaqt li Grace Marie Mallia qalet li nistgħu naraw x'hawn fis-suq ħalli nsibu prezzijiet tajbin.

14. Kienu approvati l-*payment approval sheets* numru 360 u 361.

**F'punti oħra ssemmew:**

15. Is-sindku ssuġġerixxa li l-kunsill, għall-ħabta tal-Milied, jagħti *token* ta' rikonoxximent lil persuni, li sejħilhom *key persons*, li jkunu determinanti biex isir ċertu xogħol. Is-suġġeriment kien li dawn jingħataw *hamper* żgħir. Għad ma kienx deċiż jekk dan hux se jsir jew jinxtara lest u se naraw jekk nistgħux niffrankaw il-flus ukoll permezz ta' ħidma mill-istaff.

16. Saret referenza għall-allegat inċident li seħħ dalgħodu, fejn xi persuni, żammew lill-ħaddiema tal-*Environmental Landscapes Consortium (ELC)*, milli jħawwlu siġar fil-konok eżistenti fi Triq Valletta. Is-segretarju eżekuttiv spjega lill-kunsillieri li hu rċieva telefonata mingħand Dr Cuschieri, id-direttur tal-*ELC*, fejn dan qallu li dawn it-talin qalu lill-ħaddiema tiegħu, li għandhom il-*backing* tal-kunsill biex dawn is-siġar ma jitħawwlux. Is-segretarju eżekuttiv qal li hu ma jiftakar li kien hemm l-ebda permess fil-passat f'dan il-kuntest. Barra minn hekk, hu jiftakar li f'sittax-il sena għadna ma rnexxielniex inħawwlu siġra waħda mingħajr ma din tinsteraq jew tiġi vandalizzata jew tmut. Sadanittant fi nċidenti stradali diversi siġar maturi ċedew posthom għall-parkeġġi fi triq arterja bħal din.

17. Konna ppreżentati bil-pjanti tal-*embellishment* tal-ġnien propost ta' fuq il-Mentna, fi Pjazza Ġublew tad-Djamanti. Is-sindku esebixxa l-proposta tal-Perit tal-kunsill, is-Sur Anthony

Bezzina, lill-kunsillieri. Kien hemm qbil li dawn għandhom ikunu ppreżentati lill-*MEPA* kif inhuma. Din il-pjanta tinkludi fost l-oħrajn l-introduzzjoni ta’ *cul de sac*, ftuħ ta’ *service road* minn Triq il-Konvoj ta’ Santa Marija għal Triq Santa Katerina, tibdil fl-istruttura tar-*roundabout* fl-istess pjazza, *water feature* fil-ġnien u *alignment* differenti tat-toroq speċjalment fid-dħul biswit il-Katakombi tal-Mentna.

18. Dwar il-ftuħ tal-uffiċini nhar ta’ Sibt, is-sindku qal li Valerie Galea talbet li tibda tiftaħ fid-9:00am minflok fit-8:00am. Dan dejjem temporanjament sakemm titrawwem il-*part time clerk*, u d-Dipartiement għall-Gvern Lokali sar jaf bix-xewqa tagħna. Il-ħinijiet qed ikunu estiżi meta jiġi biex jagħlaq l-uffiċċju biex nikkumpensaw għal dan.

19. Is-sindku qal li l-Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ talabna sabiex ninnominaw żgħażagħ maskili u femminili f’kategoriji ta’ etajiet differenti għall-Edizzjoni Specjali tal-Parlament taż-Żgħażagħ f’Marzu, 2009, biex dawn jiddiskutu temi speċjali. Is-sindku qal li hu se jipprova jinvolvi lil dawk iż-żgħażagħ li kienu nvoluti fl-attività “L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien”.

20. Dwar l-għajnuna finanzjarja biex l-uffiċċju tagħna jkun aktar aċċessibbli, is-sindku spjega l-pożizzjoni tagħna wara l-laqgħa li kellu maċ-*Chairman*, Kummissjoni Persuni b’Diżabilità, is-Sur Joe Camilleri. Hu qal li aħna nixtiequ nagħmlu l-*lift* propost minnhom, iżda dan huwa għadma iebsa għalina għaliex inkunu rridu noħorġu bejn €20,000 u €24,000. Hu qal li l-KLM m’hux f’pożizzjoni li joħroġ dawn il-fondi u għandha tingħata l-eżenzjoni mid-Dipartiment Gvern Lokali biex il-*lift* ma jsirx, *in vista* li l-KLM se jissellef €450,000 biex jagħmel it-toroq.

21. F’attività li kienet organizzata mis-Segretarji Parlamentarli, l-Onor De Marco u l-Onor Said, il-Kunsill Lokali Mqabba se jibbenefika minn €5,000, biex jerġà jorganizza l-attività L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien f’Ottubru 2010.

22. Ingħataw aktar dettalji dwar il-*Local Action Group* (GAL Xlokk). Is-sindku stieden lill-kunsillieri għal diversi laqgħat li se jinżammu dalwaqt. Hu qal li hemm propost investiment fit-taħriġ li se jiswa’ lill-GAL, €2,000.

23. Is-sindku informa lill-KLM li l-gvern ċentrali għaddielna €4,957.93 fil-kont tagħna biex jagħmel tajjeb għall-iskart li qed jintefa’ fil-miżbla taż-Żwejra f’tariffi.

24. Nicholas Briffa irrimarka fuq il-proposta tas-sindku li jkunu minquxa mill-ġdid l-ismijiet ta’ dawk l-Imqabbin li ħadu Ġieħ l-Imqabba fil-passat fuq ħaġra li se titpoġġa fl-Isptar il-Qadim. Hu qal li issa l-kelmiet se jkunu żgħar ħafna. Is-sindku serraħlu rasu li dan mhux minnu għaliex hu ħa d-dettalji minn fuq plakka li hemm eżattament quddiem l-iskrivanija tiegħu fl-uffiċċju li tfakkar l-ewwel Kunsill Lokali Mqabba.

25. Ilment ieħor li ssemma minn Nicholas Briffa kien dwar projbizzjoni ta’ parkeġġ fi Triq il-Fjuri permezz ta’ *single/double yellow line*. Hawn ġie stabbilit li din il-projbizzjoni tal-ipparkjar talbitu residenti li tabita f’din it-triq dejqa u li m’hi traffikuża xejn pjuttost quddiem residenta oħra. Peress li tal-ewwel qed tibgħat il-pulizija biex iħarrku, din tal-aħħar qed tibża’ li dawk imħarrka se jwaħħlu fiha intortament u tista’ possibilment tkun il-mira ta’ vendikazzjoni. Dwar dan il-każ, Nicholas Briffa offra li jidħol medjatur.

26. Il-laqgħa spiċċat fid-9:30pm u se ssir oħra nhar it-Tnejn, 7 ta’ Diċembru, 2009 fis-6.30pm.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*15 /12 /2009 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |